

Brussell, 12 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0394 (COD)**

16771/25
ADD 2

SIMPL 209
ANTICI 213
ENV 1383
ENT 284
MI 1054
IND 614
COMPET 1342
SAN 837
AGRI 710
CODEC 2125

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 986 annex
Suġġett:	ANNEX tad- DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 2008/98/KE, 2010/75/UE, (UE) 2015/2193 u (UE) 2024/1785 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas- simplifikazzjoni ta' xi rekwiżiti u tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 986 annex.

Mehmuż: COM(2025) 986 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.12.2025
COM(2025) 986 final

ANNEX 2

ANNEX

tad-

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttivi 2008/98/KE, 2010/75/UE, (UE) 2015/2193 u (UE) 2024/1785 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' xi rekwiżiti u tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv

Anness II

1. L-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/2193 huwa emendat kif ġej:

- (a) Fil-Parti 1, it-tabelli 1, 2 u 3 fir-rigward tal-valuri limitu tal-emissjonijiet għall-NO_x meta jintużaw karburanti gassużi għajr il-gass naturali, in-nota f'qiegħ il-paġna li ġejja tiddaħħal wara ċ-ċifri msemmija fis-seba' kolonna rigward dik is-sustanza niġġiesa:

“(*) Il-valur limitu tal-emissjonijiet mhuwiex applikabbli għall-impjanti tal-kombustjoni li jaħarqu gass b'aktar minn 20 % (skont il-volum) ta' idroġenu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità kumplessiva ta' NO_x eventwalment rilaxxata fl-arja fuq perjodu ta' sena ma tiżdiedx meta mqabbla mas-sitwazzjoni fejn l-emissjonijiet mill-installazzjoni kkonċernata jkunu baqgħu konformi mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness II għall-NO_x għall-kombustjoni tal-gass naturali, mingħajr preġudizzju għal miżuri aktar stretti meħtieġa skont l-Artikolu 6(9).”;

- (b) Fil-Parti 2, it-tabelli 1 u 2 fir-rigward tal-valuri limitu tal-emissjonijiet għall-emissjonijiet tal-NO_x meta jintużaw karburanti gassużi għajr il-gass naturali, in-nota f'qiegħ il-paġna li ġejja tiddaħħal wara ċ-ċifri msemmija fis-sitt kolonna rigward dik is-sustanza niġġiesa:

“(*) Il-valur limitu tal-emissjonijiet mhuwiex applikabbli għall-impjanti tal-kombustjoni li jaħarqu gass b'aktar minn 20 % (skont il-volum) ta' idroġenu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità kumplessiva ta' NO_x eventwalment rilaxxata fl-arja fuq perjodu ta' sena ma tiżdiedx meta mqabbla mas-sitwazzjoni fejn l-emissjonijiet mill-installazzjoni kkonċernata jkunu baqgħu konformi mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness II għall-NO_x għall-kombustjoni tal-gass naturali, mingħajr preġudizzju għal miżuri aktar stretti meħtieġa skont l-Artikolu 6(9).”;

2. L-Anness III tad-Direttiva (UE) 2015/2193 huwa emendat kif ġej:

- (c) Fil-Parti 1, il-punt 2, it-tieni inċiż huwa sostitwit biż-żewġ inċiżi li ġejjin:

“- tliet darbiet l-għadd massimu ta' sigħat ta' tħaddim annwali medji, applikabbli skont l-Artikolu 6(3) jew (8), għall-impjanti tal-kombustjoni medji b'qawwa termika nominali ugħali għal jew aktar minn 20 MW li jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli għall-“kategorija NRG” fir-rigward tal-kontrolli tal-Istadju V skont ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹,

- l-għadd massimu ta' sigħat ta' tħaddim annwali medji, applikabbli skont l-Artikolu 6(3) jew l-Artikolu 6(8), għall-impjanti tal-kombustjoni medji b'qawwa termika nominali ta' aktar minn 20 MW li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti applikabbli għall-“kategorija NRG” fir-rigward tal-kontrolli tal-Istadju V skont ir-Regolament (UE) 2016/1628.”

- (d) Fil-PARTI 2, jiżdiedu l-punti 4, 5 u 6 li ġejjin:

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE

“4. Ir-riżultati tal-kejl għandhom jiġu standardizzati skont il-kontenut ta’ O₂ standardizzati imsemmi fl-Anness II billi tiġi applikata l-formula li ġejja:

$$E_s = \frac{21 - O_s}{21 - O_M} \times E_M$$

E_S = il-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet ikkalkulata skont il-konċentrazzjoni perċentwali tal-ossiġnu standard

E_M = il-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet ikkalkulata

O_S = il-konċentrazzjoni tal-ossiġnu standard

O_M = il-konċentrazzjoni tal-ossiġnu kkalkulata

5. Meta l-kombustjoni tal-karburanti ssir f’atmosfera arrikkita bl-ossiġnu, ir-riżultati tal-kejl jistgħu jiġu standardizzati skont kontenut ta’ ossiġnu stabbilit mill-awtorità kompetenti li jirrifletti ċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ individwali. Meta l-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa jitnaqqsu permezz tat-trattament tal-gass residwu, l-istandardizzazzjoni fir-rigward tal-kontenuti ta’ ossiġnu previsti fl-ewwel subparagrafu għandha ssir biss jekk il-kontenut ta’ ossiġnu mkejjet fuq l-istess perjodu li fuqu tkejlet is-sustanza niġġiesa kkonċernata jaqbeż il-kontenut ta’ ossiġnu standard.

6. Fil-każ ta’ sostituzzjoni sħiħa tal-arja ambjentali bl-ossiġnu, għandu jitqies li l-valuri limitu tal-emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 ġew rispettati, jekk l-emissjonijiet ma jkunux oġġla mill-emissjonijiet mill-kombustjoni tal-karburant partikolari skont il-kontenut ta’ O₂ standardizzati.”